17 ta' Marzu, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt.,LL.D.

Avukat Dr. Giuseppe Maria Camilleri et.
*versus*
Luigi sive Lewis Spiteri Debono

**Azzjoni Surrogatorja — Liberazzjoni "ab observantia".**

***Biex tiġi eżerċitata utilment l-azzjoni surrogatorja, hija indispensabbli l-preżenza fil-kawża tad-debitur. Diversament, il-ġudizzju ma jkunx integru, u jkun hemm lok għall-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju.***

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-atturi huma kredituri ta' Silvia Bonnici fis-somma ta' £30.5.7, għal drittijiet u spejjeż riżultanti mit-taxxi hawn eżibiti (Dok. A. B. C. D. E.); u billi l-imsemmija Silvia Bonnici hija kreditriċi tal-konvenut fis-somma ta' £171.1.0, kanonizzata b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tad-9 ta' Marzu, 1949; talbu li l-konvenut jiġi minn din l-Onorabbli Qorti kundannat iħallas is-somma ta' £30.5.7, lilhom dovuti mill-imsemmija Silvia Bonnici, mill-ammont li l-konvenut għandu jagħti lill-istess Silvia Bonnici; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-29 ta' April, 1954, u tal-mandat tal-qbid tal-25 ta' Settembru, 1954; bl-imgħaxijiet legali minn notifika ta' l-istess;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita irritwalità tal-ġudizzju;

Illi mill-mod kif tinsab konċepita ċ-ċitazzjoni jidher li l-atturi qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni surrogatorja, billi qegħdin jesperixxu fil-konfront tal-konvenut, li miegħu ma kellhomx relazzjoni, id-drittijiet li jippretendu li għandha d-debitriċi tagħhom, Silvia Bonnici, kontra tiegħu;

Illi huwa ormaj paċifiku illi, biex tiġi eżerċitata utilment l-azzjoni surrogatorja, hija indispensabbli l-preżenza tad-debitur fil-kawża; diversament il-ġudizzju ma jkunx integru, u jkun għalhekk irritwali (Kollez. XIX-I-3; XXI-I-340; u XXXII-I-215);

Illi għal dan id-difett ma jistax jiġi ovvjat permezz tal-kjamata in kawża tad-debitriċi Silvia Bonnici, għaliex dina tista' tingħata biss meta min għamel il-kawża ma kienx jaf mill-bidu li fiha kienet interessata, anzi kellha tkun parti, id-debitriċi (Kollez. Vol. XXX-II-1; XXX-II-74; u XXIV-II-522);

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità tal-ġudizzju;

U konsegwentement tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-atturi.

---